**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
[FL-ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI MSEJĦA L-QORTI RIMANDANTI]

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Mario Cuschieri)**
**(Spett. Roderick Spiteri)**
**(Spett Shaun Friggieri)**

**Vs**

**Mohan Bharwani**

**Illum, 26 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti,

Rat illi Mohan Bharwani, ta' 57 sena, imwieled il-Furjana, Malta nhar l-10 ta' Awwissu 1966, detentur ta' żewġ passaporti Maltin bin-numri (Type-1) 1336420 u (Type-5) 1336111 u l-karta tal-Identità Maltija bin-numru 415366M tressaqt taħt arrest peress li hu mfittex mill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji fl-Isvezja, pajjiż skedat ai fini tal-Artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 276.05, għall-finijiet ta' prosekuzzjoni;

Rat il-Mandat t'Arrest Ewropew (MAE) datat it-28 ta' Frar, 2024, maħruġ mill-*Swedish Economic Crime Authority*;

Rat iċ-Ċertifikat datat it-28 ta' Frar 2024 maħruġ mill-Avukat Ġenerali ai termini tar-Regolamenti 6A u 7 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati

dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), hawnhekk aktar 'l quddiem imsejjaħ l-"Ordni";

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Frar 2024 il-Qorti ikkostatat illi l-persuna li tressqet taħt arrest hija, filfatt, il-persuna mfittxija mill-Awtoritajiet esteri msemmija;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi l-Mandat ta' Arrest Ewropew huwa regolat fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Proċeduri ta' Ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA), liema Deċiżjoni Kwadru tifforma l-bażi tal-liġi nostrana fir-rigward.

Illi l-Artikolu 1(1) u (2) tad-Deċiżjoni Kwadru jistipolaw illi

> *1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.*
>
> *2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-priċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.*

Illi l-prinċipju ġenerali li jifforma l-bażi tad-Deċiżjoni Kwadru huwa spjegat fil-*Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant*[1] fejn hemm riportat is-segwenti:-

> *"The Framework Decision on EAW reflects a philosophy of integration in a common judicial area. It is the first legal instrument involving cooperation between the Member States on criminal matters based on the principle of mutual recognition. The issuing Member State's decision must be recognised without further formalities and solely on the basis of judicial criteria.*
>
> *The surrender of nationals is a principle and a general rule, with few exceptions. These exceptions concern the enforcement of custodial sentences in one's home country and apply equally to residents. In practice, about one fifth of all surrenders in the Union concern a country's own nationals."*

Illi l-Qrati nostrani wkoll kellhom l-opportunità li jissottolinejaw dan il-prinċipju. Filfatt, fis-sentenza **Carmelo Borg et vs Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et**[2] jingħad is-segwenti:

> *"Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni jaghmel restrizzjonijiet fuq il-verifika gudizzjarja li huma permissibbli, ma humiex irragjonevoli16, ma jikkozzawx ma' xi principji ta' gustizzja naturali, u li jinkwadraw fl-iskop tal-ligi principali, cioe` dak li tigi regolata l-estradizzjoni ta' persuna minn Malta ghal pajjiz barrani – f'dan il-kaz pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea fejn prinċipju bazilari huwa dak tal-fiducja reciproka li dawn il-pajjizi ghandhom fis-sistema tal-gustizzja ta' xulxin."*

[1] **Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant** (C/2023/1270), datat 15 ta' Diċembru 2023, p. 10/166.
[2] **Carmelo Borg et vs Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et**, Qorti Kostituzzjonali, 15 ta' Mejju 2006 (App. Ċiv Nru 1080/2005/1)

Għalkemm il-prinċipju huwa wieħed ta' ko-operazzjoni sħiħa bejn l-Istati Membri, iċ-ċediment ta' persuna minn pajjiż rikjest għall-pajjiż rikjedent m'hijiex xi ħaġa awtomatika u l-Qorti tal-pajjiż rikjest trid teżamina jekk hemmx xi impediment għall-estradizzjoni, skont kif stipulati fid-Deċiżjoni Kwadru u anke fl-Ordni nostrana.

Ikkonsidrat

Illi mill-Mandat t' Arrest Ewropew jirriżulta ampju li r-reati li fuqhom hu msejjes il-Mandata huma reati ta' estradizzjoni skond l-Iskeda 2 tal-Ordni filwaqt li l-pajjiż li eroga l-istess Mandat huwa pajjiż skedat skont l-Iskeda 1 tal-istess Ordni. B'hekk il-Qorti qed tiddeċiedi li kemm ir-reati kif ukoll il-pajjiż *de quo* huma skedati ai termini tal-Liġi.

Ikkonsidrat;

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji ġenerali, imiss issa li l-Qorti teżamina l-posizzjoni mressqa mid-difensuri tal-partijiet.

Illi l-prosekuzzjoni ssostni illi m'hemm ebda impediment għall-estradizzjoni u li m'hemm xejn x'josta lill-Qorti milli tordna l-estradizzjoni tal-Estradat lejn il-pajjiż rikjedenti.

L-estradat, permezz tal-abbli difiża tiegħu, qajjem numru ta' difiżi u argumenti dwar ir-raġunijiet għalfejn il-Qorti ma tistax tordna l-estradizzjoni tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok jingħad illi r-Regolamenti 13 *et seq* tal-Ordni jistabbilixxi x'inhuma l-impedimenti għall-estradizzjoni, ossija s-segwenti:

> *"**13.** (1) Jekk il-qorti hija meħtieġa li tipproċedi skont dan l-artikolu hija għandha tiddeċiedi jekk it-treġġigħ lura tal-persuna fil-pajjiż skedat huwiex ipprojbit minħabba:*

*(a) ir-regola ta' ne bis in idem;*
*(b) l-età tal-persuna;*
*(ċ) amnestija.*

*(1A) Jekk il-qorti tkun meħtieġa tipproċedi skont dan l-artikolu, hija tista' tirrifjuta li teżegwixxi t-treġġigħ lura tal-persuna lejn il-pajjiż skedat jekk it-treġġigħ lura ikun ipprojbit minħabba:*

*(a) preskrizzjoni jew l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien;*
*(b) speċjalità;*
*(ċ) l-estradizzjoni preċedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiż skedat ieħor;*
*(d) l-estradizzjoni preċedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiż li mhuwiex pajjiż skedat."*

Illi fil-każ in eżami, kemm mill-provi prodotti kif ukoll mis-sottomissjonijiet magħmula ma tirriżulta ebda waħda minn dawn l-impedimenti għall-estradizzjoni u b'hekk il-Qorti m'hijiex se tiddelunga fuqhom iżda se tiddikjara biss illi ma jeżisti ebda impediment abbażi tar-Regolament 13 tal-Ordni li fuqu l-Qorti għandha tiddeċiedi li t-treġġiħ lura tal-estradat huwa ipprojbit.
Ikkunsidrat;

Id-difiża tal-estradat, madanakollu, ressqet numru ta' argumenti, provi u osservazzjonijiet dwar raġunijiet oħra li għandhom jimmilitaw a favur il-projbizzjoni tal-estradizzjoni.

Fl-ewwel lok, l-estradat jattakka l-validità tal-Mandat t'Arrest Ewropew abbażi ta' numru ta' osservazzjonijiet:

1. **L-ewwel osservazzjoni hi li l-Mandat ma ħariġx għal waħda mir-raġunijiet *ad validitatem* imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru kif ukoll fir-Regolament 5(2) *et seq* tal-Ordni.**

F'din l-osservazzjoni, l-Estradat jargumenta illi fil-parti (b)2. tal-Mandat[3] ir-raġuni għall-ħruġ tiegħu tgħid testwalment hekk:

> *"2. **Enforceable judgement:** The arrest warrant is for prosecution and <u>not for serving a sentence or merely investigation</u>."* *(emfasi tal-Qorti)*

Filwaqt li aktar 'l quddiem, fil-parti (e) Offences[4] jingħad is-segwenti:

> *"<u>The investigation</u> regarding the trade in mobile phones in Iskana concerns gross tax crimes and gross money laundering crimes.*
>
> *<u>The investigation is well advanced</u>. The Swedish Tax Agency has made a decision to increase the taxrate of Iskana."* (emfasi tal-Qorti)

L-estradat jargumenta illi fl-ewwel lok il-Mandat t'Arrest Ewropew huwa konfliġġenti fis-sens li f'parti minnu jingħad li l-estradat huwa "mfittex għal prosekuzzjoni u mhux sabiex iservi sentenza jew merament għal investigazzjoni", filwaqt li f'parti oħra jgħid li l-investigazzjoni hija avvanzata ħafna. Jgħid allura li dan il-Mandat m'huwiex ċar fir-rigward tar-raġuni għall-ħruġ tiegħu u li żgur li m'hemm ebda proċeduri li nbdew fil-konfront tiegħu fl-Isvezja propju għaliex il-Mandat t' Arrest Ewropew ma jsemmi xejn dwar proċeduri penali mibdija.

In sostenn ta' din it-teżi tiegħu, huwa jressaq ukoll opinjoni legali redatta mill-avukat Carl-Johan Allansson u l-avukat Natt och Dag, mid-ditta legali Nordia Law[5] fejn jingħad illi fis-sistema legali tal-Isvezja, il-prosekutur

[3] A fol. 6 tal-atti proċesswali.
[4] A fol. 9 tal-atti proċesswali.
[5] A fol. 110 tal-atti proċesswali

għandu l-obbligu li jiddeċiedi jekk jakkużax persuna jew iwaqqaf il-proċeduri wara li tkun intemmet l-investigazzjoni. Jgħidu li sa dan l-istadju m'hemm ebda deċiżjoni formali mill-prosekutur sabiex jakkuża lill-Mohan Bharwani u m'hemm ebda ċertezza jekk, ladarba tiġi konkluża l-investigazzjoni, Bharwani huwiex ser jiġi akkużat.

B'hekk, huwa jikkonkludi li ladarba m'hemm ebda akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ladarba m'hemm ebda sentenza li għandu jservi, dan il-Mandat t' Arrest Ewropew ifalli għaliex m'huwiex konformi mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru u mar-Regolament 5(2) tal-Ordni. Jgħid li dan il-Mandat inħareġ għall-finijiet ta' investigazzjoni meta filfatt hemm għodda oħra Ewropej li messhom intużaw għal dan l-iskop, iżda mhux il-preżenti Mandat. Filfatt huwa jgħid ukoll li r-Regolament 59(1)(a) tal-Ordni jistipola kjarament li persuna ma tkunx ingħatat sentenza għal reat, hija għandha tkun akkużata f'pajjiż skedat.

Illi da parti tagħha il-prosekuzzjoni tissottometti illi Bharwani huwa mfittex mill-awtoritajiet Svediżi għal raġunijiet ta' prosekuzzjoni u xejn aktar. Filfatt, huma jippreżentaw kjarifika minn Swedish Economic Crime Authority datata l-14 ta' Marzu 2024 fejn l-uffiċjal prosekutur kjarament jikkonferma għal numru ta' drabi illi Mohan Bharwani huwa mfittex għal raġunijiet ta' prosekuzzjoni. Huwa spjega li f'każ ta' suspetatti li għandhom ordni ta' arrest maħruġa *in absentia*, huma jridu l-ewwel jiġu notifikati personalment bl-akkużi intenzjonati qabel ma jibda tibda l-prosekuzzjoni rigward dawk l-akkużi. Huwa jikkonferma li ħa d-deċiżjoni li jakkuża lil Mohan Bharwani bir-reati kif inklużi fil-Mandat t'Arrest Ewropew u li ser ikun formalment notifikat b'dawk l-akkużi ladarba jasal fl-Isvezja.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tifhem, min-naħa l-waħda s-sottomissjonijiet magħmulha mid-difiża, iżda min-naħa l-oħra ma taqbilx li l-Mandat t'Arrest huwa konfliġġenti. Fil-parti (b) tiegħu jirriżulta ċarissimu li l-Mandat inħareġ għall-finijiet ta' prosekuzzjoni. Għalkemm huwa veru li fil-parti (e) tiegħu hemm

riportat li l-investigazzjoni hija avvanzata ħafna, jirriżulta pależi mill-istess sezzjoni li l-prosekuzzjoni Svediża diġà taf eżattament x'inhuma l-akkużi li se ġġib fil-konfront tiegħu, tant li huma indikati fl-istess sezzjoni tal-mandat.

Illi di più, huwa minn ewl id-dinja li qabel ma persuna titressaq akkużata quddiem Qorti, issir dik l-investigazzjoni relevanti u neċessarja. Huwa propju dak li ġara f'dan il-każ, filfatt l-ispettur Shaun Friggieri xehed illi inħarġu wkoll żewġ Mandati ta' tfittxija fil-konfront ta' Mohan Bharwani,[6] wieħed maħruġ in segwitu għal European Investigation Order maħruġ minn Swedish Economic Crime Authority fit-18 ta' Jannar 2024 u u l-ieħor in segwitu għal talba ta' assistenza magħmulha mill-European Public Prosecutor's Office (EPPO) bħala assisting measure wara talba li saret minn pajjiż ieħor.

Illi b'hekk jirriżulta wkoll li l-Awtoritajiet Svediżi effettivament użaw l-għodda Ewropej fejn tidħol l-investigazzjoni tagħhom u użaw il-Mandat odjern sabiex ifittxu lil Bharwani għall-finijiet ta' prosekuzzjoni.

Illi dan il-ħsieb tal-Qorti huwa wkoll ikkonfortat mid-dikjarazzjoni magħmula mill-Uffiċjal Prosekutur Olaf Vrethammar, minn Swedish Economic Crime Authority li jikkonferma li l-istess Bharwani huwa mfittex għal raġunijiet ta' prosekuzzjoni.

Illi d-difiża ssostni wkoll li ladarba l-Estradat m'huwiex akkużat, allura l-Qorti ma tistax tordna t-treġġigħ lura tiegħu stante li r-Regolament 59(1)(a) tal-Ordni mhuwiex sodisfatt. Illi sabiex tiġi determinata din is-sottomissjoni, il-Qorti teħtieġ li tiddetermina jekk Mohan Bharwani għandux status ta' "akkużat" o meno. F'dan ir-rigward, il-Qort tagħmel ampja referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Mifsud**[7] fejn daħlet *in profundis* dwar it-tifsira tal-kelma

[6] Ara Dok "SF1" u Dok "SF2" a fol 81 u 82 tal-atti proċesswali.
[7] **Il-Pulizija vs Philip Mifsud**, Qorti tal-Maġistrati fil-funzjoni ta' Qorti Rimandanti, 18 ta' Ottubru 2013 (Nru 911/2013).

akkużat. Għall-finijiet ta' brevità, din il-Qorti, filwaqt li tagħmel pjena referenza għal dak li jingħad fiha, ser tiċċita biss xi estratti brevi:

> *"(a) Kwantu ghat-tifsira tat-terminu "akkuzat", il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza In Re Ismail (Application for Writ of Habeas Corpus) (On Appeal From a Divisional Court of the Queen's Bench Division) moghtija fid-29 ta' Lulju 1998 fejn dawn il-Law Lords iddecidew li jilqghu l-Opinjoni ta' Lord Steyn dwar it-tifsira tat-terminu "accused" – ekwivalenti ghal accused fl-Ordni. Il-Qorti sejra ticcita testwalment minn din is-sentenza is-silta l-aktar rilevanti :*
>
> > *The meaning of "accused" person*

...Omissis...

> > *Moreover, it is important to note that in England a prosecution may also be commenced if a custody officer decides that there is sufficient evidence to charge an arrested person and then proceeds to charge him: section 37 (7) of the Police and Criminal Evidence Act 1984; and see generally as to the commencement of prosecutions* ***Card, Cross and Jones, Criminal Law, 13th ed., (1995) Chapter 4****. Despite the fact that the prosecuting authorities and the court are not involved at that stage, the charging of an arrested person marks the beginning of a prosecution and the suspect becomes an "accused" person. And that is so even if the police continue to investigate afterwards."*

Illi fil-fehma tal-Qorti, Mohan Bharwani għandu jitqies bħala akkużat minkejja li ma jidhirx li ġew formalment preżentati l-akkuži fil-Qorti (għal-liema proċess, il-prosekutur Vrethammar ikkonferma li l-ewwel pass huwa li Bharwani jiġi notifikat formalment qabel ma jinġiebu l-akkuži l-Qorti) u

b'hekk huwa jissodisfa wkoll il-kweżit meħtieġ mir-Regolament 59(1)(a) tal-Ordni.

Illi stabbilit dan kollu, il-Qorti ssib illi l-Mandat t'Arrest Ewropew odjern inħareġ propju għal raġunijiet ta' prosekuzzjoni u b'hekk jissodisfa il-kweżiti kemm tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru kif ukoll ir-Regolament 5(2) *et seq* tal-Ordni.

2. **Iċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali m'huwiex skont il-liġi:**

B'din it-tieni sottomissjoni, Bharwani jikkwerela fuq liema bażi legali l-Avukat Ġenerali ikkonferma li Swedish Economic Crime Authority hija awtorità kompetenti sabiex toħroġ il-Mandat t'Arrest Ewropew odjern. Huwa jikkritika l-fatt li m'hemm ebda trasparenza fuq il-mod ta' kif ġie ċertifikat li l-Awtoritajiet Svediżi huma awtorità kompetenti, *multo magis* għax jidher li tali eżerċizzju sar minn printout ta' Questionnaire[8] u ittra maħruġa minn Swedish Prosecution Authority[9] li ġiet riċevuta mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali f'email fejn kienet "CC". Jargumenta wkoll li anke l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fid-deċiżjoni preliminari bin-numru C-452/16 PPU, **Krzystof Marek Poltorak**[10] ikkonfermat illi l-pulizija ma jistgħux jitqiesu bħala "awtorità ġudizzjarja'' ai termini tad-Deċiżjoni Kwadru. Filfatt, huwa jiċċita mill-paragrafu 48 ta' din is-sentenza preliminari fejn jingħad:

> *46. It follows that the term 'judicial authority', within the meaning of Article 6(1) of the Framework Decision, must be interpreted as*

[8] "Updated Questionnaire and Compilation on the Requirements for Issuing and Executin Judicial Authorities in EAW Proceedings pursuant to the CJEUs Case-Law" revised on 19 April 2021, Eurojust – European Judicial Network, a fol. 36 tal-atti proċesswali.
[9] A fol. 40 tal-atti proċesswali.
[10] C-452/16 PPU, Krzystof Marek Poltorak, 10 ta' Novembru 2016.

> *meaning that police services are not covered by that term, meaning that the European arrest warrant issued by such services cannot be regarded as a 'judicial decision', within the meaning of Article 1(1) of the Framework Decision.*

Illi da parti tagħha, il-prosekuzzjoni tfakkar illi r-Regolament 7 tal-Ordni huwa speċifiku ħafna fis-sens li ċ-ċertifikat maħruġ milll-Avukat Ġenerali huwa konklussiv u ma jistax jiġi sindikat minn din il-Qorti.

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva illi d-diċitura tar-Regolament 7 tal-Ordni hija skjetta li l-ċ-ċertifikat maħruġ għandu jkun wieħed konkluživ f'dak li jkun juri u li ma hemm ebda lok li dan jiġi sindikat mill-Qorti. Bharwani, madanakollu, jgħid li għalkemm id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali ma tistax tiġi sindikata, il-bażi li fuqu ħareġ iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed legali u trasparenti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Philip Mifsud vs Avukat Ġenerali**[11] fejn jingħad:

> *"Ir-rikorrenti jsostni li ma jezisti l-ebda mezz kif hu jikkontrolla lill-Avukat Generali meta hareg ic-certifikat dwar il-mandat ta' arrest mahrug fl-Italja. Ghalhekk ir-regolament numru 7 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 imur kontra l-principji tal-gustizzja naturali in kwantu jivvolja l-jedd ghal smiegh xieraq.*
>
> *Hemm gurisprudenza li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax ghall-proceduri ta' estradizzjoni (ara per ezempju **H v Spain**, App. 10227/82; **E.G.M. v Luxembourg**, App. 24015/94; **Salgado v Spain**, App. 65965/01; u **Kirkwood v United Kingdom**, App. 10479/83 decizi mill-Kummissjoni). Hemm ukoll il-kaz ta' **Mondero Angora v Spain** (App. 41138/05) li b'decizjoni tas-7 ta' Ottubru*

[11] **Philip Mifsud vs Avukat Ġenerali**, Qorti Ċivili, Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 23 ta' Frar 2015.

*2008 gie ddikjarat inammissibbli. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani qalet:*

> *"the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the Convention (see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002)".*

Illi minn dan il-bran joħroġ ċar li m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tinvestiga dwar x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-Avukat Ġenerali sabiex joħroġ iċ-Ċertifikat ai termini tar-Regolament 7 tal-Ordni u dana għaliex l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni m'hijiex sindikabbli.

Illi fi kwalunkwe każ, a skans ta kull dubju, fir-rigward tal-fatt jekk l-Swedish Prosecution Authority humiex awtorità kompetenti ai finijiet tad-Deċiżjoni Kwadru, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fid-deċiżjoni preliminari numru C-509/18 PF[12] fejn fil-paragrafu Nru 57 jingħad is-segwenti:

> *"Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jeħtieġ li r-risposta għad-domandi magħmula tkun li l-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għandu jiġi interpretat bħala li jirreferi għall-Prosekutur Ġenerali ta' Stat Membru li, filwaqt li strutturalment indipendenti mill-ġudikatura, huwa kompetenti sabiex jeżerċita l-prosekuzzjoni kriminali u li l-istatus tiegħu f'dak l-Istat Membru jagħtih garanzija ta' indipendenza mill-poter eżekuttiv fil-kuntest tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew."*

Illi mill-komunikazzjoni riċevuta mill-Avukat Ġenerali[13] jirriżulta ampju li l-prosekutur Svediż huwa indipendenti fid-deċiżjonijiet tiegħu u huwa

[12] Kawża Nru C-509/18 PF, deċiża fis-27 ta' Mejju 2019.
[13] A fol. 40 tal-atti proċesswali.

kompetenti sabiex jeżerċita l-prosekuzzjoni kriminali fl-Isvezja. B'hekk il-Qorti m'għandha ebda raġuni sabiex tiddubita li b'xi mod l-Avukat Ġenerali eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha abbażi ta' fatti skorretti jew illeċiti.

Illi di più, fir-rigward tal-fatt li l-komunikazzjoni minn Swedish Prosecution Authority ġiet riċevuta tramite email, fejn l-Avukat Ġenerali kien "CC", il-Qorti tagħmel referenza għall-paragrafu 4.4.2 tal-*Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant*[14] fejn jingħad is-segwenti:

> *"Methods of communication*
>
> *There are no specific rules in the Framework Decision on EAW on the forms of, or procedures for, communication following reception of an EAW. Communication may be carried out by any available, sufficiently secure means (for example, telephone or e-mail). The most efficient way is to communicate directly with minimum formalities and, whenever possible, by agreeing to use a common language."*

Illi jidher ċar li l-komunikazzjoni bejn l-Awtoritajiet msemmija saret skond kif hawn riportat u b'hekk il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura dwar il-mod kif saret il-komunikazzjoni bejn l-Awtoritajiet Svediżi u dawk Maltin fir-rigward ta' dawn il-proċeduri odjerni.

Illi finalment, l-estradat jikkumenta wkoll illi ċ-ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali jagħti s-serħan il-moħħ li Swedish Economic Crime Authority għandha l-funzjoni li toħroġ il-mandati t'arrest fl-Isvezja, iżda ma nafux jekk għandhiex awtorità li toħroġ Mandati t' Arrest Ewropew.

Illi r-regolament 7 tal-Ordni jispeċifika li l-funzjoni tal-Avukat Ġenerali taħt dak ir-regolament hu li jiċċertifika li l-awtorità li tkun ħarġet mandat taħt it-Taqsima II ikollha l-funzjoni li toħroġ mandati ta' arrest **fil-pajjiż rikjedenti**. Illi m'huwiex kompitu, u filfatt ikun qed imur *ultra vires* jekk l-Avukat

---

[14] **Commission Notice - Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant**, (C/2023/1270), datat il-15 ta' Diċembru 2023, a fol. 34/166.

Ġenerali jiċċertifika li Swedish Economic Crime Authority tista' toħroġ Mandati t'Arrest Ewropew.

Illi b'hekk din it-tieni sottomissjoni qed tiġi wkoll respinta abbażi tal-fatt li ċ-ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali inħareġ ai termini tar-Regolament 7 tal-Ordni u li l-Qorti m'hijiex adetta li tissindika d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

3. **Parti mir-reat sar hawn Malta:**

Illi Bharwani jissottometti wkoll li ladarba l-Awtoritajiet Svediżi talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Investigazzjoni Ewropew għall-eżekuzzjoni tiegħu f'Malta, huwa sinjal ċar li xi parti minn dawn l-allegati reati, żgħira kemm hi żgħira, seħħet f'Malta. Dan, skontu, jikser id-dettami tar-Regolament 59(2)(a) tal-Ordni fejn jingħad illi:-

> *"(2) L-imġieba tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar pajjiż skedat jekk ikunu ġew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:*
>
> *(a) l-imgieba tiġri fil-pajjiż skedat u ebda ħaġa minnha ma tiġri f'Malta;"*

Illi jibda biex jingħad li fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Shaun Friggieri kkonferma li ġew elevati numru ta' dokumenti u *devices* li kienu fil-pussess ta' Mohan Bharwani waqt l-eżekuzzjoni tal-Mandati ta' tfittxija. Di più, jirriżulta ċar lill-Qorti illi Mohan Bharwani huwa residenti fil-Gżejjer Maltin u għandu indirizz fiss f'dawn il-Gżejjer. Għandu l-familja tiegħu f'Malta u b'hekk għandu rbit qawwi mal-Gżejjer Maltin. Minn dan huwa ovvju għall-Qorti li kwalunkwe dokumenti u oġġetti li jista' talvolta jeħtieġ għall-attivitajiet tiegħu jinżammu fil-postijiet fejn huwa jiffrekwenta ta' kuljum, fosthom id-dar. B'dan, però, ma jfissirx li neċessarjament ir-reati twettqu, imqar f'parti, fil-Gżejjer Maltin. Ta' min jgħid li r-Regolament 59 tal-Ordni japplika speċifikatament għall-"imġieba" ta' persuna imfittixija u mhux għal

xi parti mit-twettiq tar-reat. B'mod partikolari, it-test użat fir-Regolament 59(2)(a) tal-Ordni huwa li "l-imġieba **tiġri** fil-pajjiż skedat u ebda ħaġa minnha ma tiġri f'Malta". Illi għalkemm waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2024 id-difensuri tiegħu jilmentaw li ma ngħatawx kopja ta' dak kollu li ġie elevat, sabiex juru li parti mir-reat twettaq fil-Gżejjer Maltin, min-naħa l-oħra, mid-deskrizzjoni akkurata u dettaljata mogħtija fil-paragrafu (e) tal-Mandat t'Arrest Ewropew, minn imkien ma jirriżulta illi l-imġieba tal-estradat b'xi mod, imqar minimament, seħħet fil-Gżejjer Maltin.

B'hekk, il-Qorti qed issib illi d-dettami tal-Artikolu 59 tal-Ordni huma sodisfatti u ebda ħaġa mill-imġieba tal-estradat ma seħħet f'Malta.

## 4. L-Istat tal-ħabsijiet fl-Isvezja jwassal għal esposizzjoni ta' Trattament inuman u degradanti:

Illi finalment, ir-raba' difiża mogħtija mill-estradat hija li hemm problema serja ta' sovraffullar fil-faċilitajiet karċerarji tal-Isvezja u li jekk il-Qorti tordna t-treġġiħ tiegħu fl-Isvezja, huwa ser ikun soġġett għall-trattament inuman u degradanti, bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tiegħu. In sostenn ta' din id-difiża, huwa ppreżenta Rapport maħruġ mill-Kunsill tal-Ewropa dwar *inter alia* l-istat tas-servizzi karċerarji fl-Isvezja.[15]

Il-prosekuzzjoni, min-naħa tagħha, ssostni illi fl-Isvezja hemm numru ta' faċilitajiet karċerarji u ma jfissirx neċessarjament li jekk il-Qorti tordna t-treġġija tiegħu fl-Isvezja, huwa ser jitqiegħed f'faċilità li hija sovraffullata.

Ikkunsidrat;

[15] **Report to the Swedish Government on the visit to Sweden carried out by the European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment (CPT) from 18 to 29 January 2021**, Kunsill tal-Ewropa, Strasbourg, 9 September 2021. Fol 83 et seq tal-atti proċesswali.

Illi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawżi magħquda C-404/15 u C-659/15 PPU[16] qalet is-segwenti:-

*"88. Minn dan isegwi li, meta l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha provi li juru li hemm riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti ta' persuni li jinżammu f'detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, fir-rigward tal-istandard ta' protezzjoni ta' drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punti 59 u 63, kif ukoll l-opinjoni 2/13, EU:C:2014:2454, punt 192), hija għandha tevalwa l-eżistenza ta' dan ir-riskju meta hija tiddeċiedi l-konsenja lill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti tal-persuna kkonċernata minn mandat ta' arrest Ewropew. Fil-fatt, l-eżekuzzjoni ta' tali mandat ma għandhiex twassal għal trattament inuman jew degradanti ta' din il-persuna.*

*89 Għal dan il-għan, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, qabel kollox, tibbaża ruħha fuq elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament vverifikati dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li huma prevalenti fl-Istat Membru emittenti u li juru r-realtà ta' nuqqasijiet sistemiċi jew iġġeneralizzati, jew li jolqtu ċerti gruppi ta' persuni, jew ukoll ċerti ċentri ta' detenzjoni. Dawn l-elementi jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari minn deċiżjonijiet ġudizzjarji internazzjonali, bħalma huma s-sentenzi tal-Qorti EDB, minn deċiżjonijiet ġudizzjarji tal-Istat Membru emittenti kif ukoll minn deċiżjonijiet, minn rapporti u minn dokumenti oħra*

[16] Deċiżjoni preliminari fil-kawżi magħquda Nru C-404/15 u C-659/15 PPU fl-ismijiet **Pál Aranyosi** (C-404/15) u **Robert Căldăraru** (C-659/15 PPU), mogħtija il-5 ta' April 2016

*stabbiliti mill-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa jew li jaqgħu taħt is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti.*

*90 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB jirriżulta li l-Artikolu 3 tal-KEDB jitfa', fuq l-awtoritajiet tal-Istat li fih isseħħ id-detenzjoni, obbligu pożittiv li jikkonsisti fil-garanzija li l-priġunieri kollha jinżammu f'detenzjoni fil-kundizzjonijiet li jiggarantixxu r-rispett tad-dinjità tal-bniedem, li l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-miżuri ma jisuġġettawx lill-persuna kkonċernata għal riskju jew prova ta' intensità li teċċedi l-limitu inevitabbli ta' sofferenza inerenti fid-detenzjoni u li, fid-dawl tar-rekwiżiti prattiċi tal-priġunerija, is-saħħa u l-benesseri tal-priġunier jiġu ggarantiti b'mod adegwat (ara s-sentenza tal-Qorti EDB, Torreggiani et vs L-Italja, Nri 43517/09, 46882/09, 55400/09, 57875/09, 61535/09, 35315/10 u 37818/10, tat-8 ta' Jannar 2013, § 65).*

*91 Madankollu, il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti minħabba l-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti ma għandux iwassal, bħala tali, għar-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew."*

Illi mir-Rapport maħruġ mill-Kunsill tal-Ewropa ippreżentat mill-estradat jirriżulta illi l-istħarriġ tal-Kunsill tal-Ewropa hu bbażat fuq tlett faċilitajiet karċerarji, senjatament Helsingborg Remand Prison, Trelleborg Remand Prison u Ystad Remand Prison u l-konklużjonijiet raġġunti jirrigwardjaw dawn il-faċilitajiet. Dato ma non concesso li jista' jkun li hemm faċilitajiet oħra li qed isofru mill-istess sovraffular, ma tressqet ebda prova li l-estradati ser jinżamm f'xi wieħed minn dawn il-faċililtajiet hekk kolpiti bl-isovraffullar. Di più, ma tressqet ebda prova ta' xi riskju reali li Mohan Bharwani ser jsoffri minn trattament inuman jew degradanti. Ma tressqet

ebda prova speċifika u reali li huwa se jkun soġġett għal riskju jew prova ta' intensità li teċċedi l-limitu inevitabbli ta' sofferenza inerenti fid-detenzjoni.

Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, din is-sottomissjoni ma tilħaqx il-grad rikjest sabiex tħalli dak id-dubju li l-estradat ser ikun soġġett għal trattament inuman u degradanti jekk jitreġġa lura lejn l-Isvezja.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, ai termini tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), qed tiddeċiedi li t-treġġiħ lura ta' **Mohan Bharwani** lejn l-Isvezja **m'huwiex impedut** u għalhekk, ai termini tar-Regolament 24 tal-Ordni msemmija:

1. Qed tordna li **Mohan Bharwani** għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiħ lura lejn l-Isvezja, bħala pajjiż skedat minn fejn inħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew odjern;

Skont ir-Regolament 25 tal-Ordni msemmija, moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti qed tinforma lill-estradat li:

2. M'huwiex se jiġi mreġġa' lura lejn l-Isvezja qabel ma jgħaddu sebat' ijiem mid-data ta' din l-Ordni ta' kustodja;

3. Huwa għandu dritt li jinterponi appell minn din l-Ordni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; u

4. Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, (Kap. 276 tal-Liġijiet ta Malta), ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-

ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ.

Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħdha b'din id-deċiżjoni tirrevoka d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti fil-konfront ta' l-estradat nhar is-07 ta' Marzu 2024.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**